# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Kevin Attard**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Kevin Attard**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 353983M li permezz tagħhom ġie akkużat talli fit-13 ta' Lulju 2014 għall-ħabta tal-11:00 ġewwa Ħaż-Żebbuġ ħebbejt għal ommok u kkaġunajtilha offiża ta' natura ħafifa skont ma ċċertifikat dr Monica Camilleri Med Reg 3377 mill-QHC.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'kull każ ta' ħtija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:-***

Illi f'dan il-każ il-Qorti tqis li l-każ ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni wara li semgħet lil Maria Attard kif ukoll lil Carmelo Attard, missier l-imputat. Is-sitwazzjoni familjari ta' bejnet l-imputat u l-parte civile hemm bżonn li tiġi indirizzata mill-aktar fis possibbli biex jiġu evitati aktar kwistjonijiet bejn il-partijiet u sofferenza reċiproka.

## *Decide*

Li filwaqt li ssib lil **Kevin Attard** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u wara li rat l-Artikolu 221(3), 222(1)(a) u 222A(1) tal-Kodiċi Kriminali u wara li rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sena mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil Kevin Attard bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Fiċ-ċirkostanzi tqis li l-piena ideonja għandha tinkludi dik kontemplata fl-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Maria Attard u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena altrimenti komminabbli minn din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali qegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għall-perjodu ta' sena millum u dan taħt penali ta' ħames mitt Euro (€500).

***09.x.2015,***
***Qrati tal-Ġustizzja,***
***Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***